# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 13/88 DS**

Frank Galea
vs
Norman Grech

Illum, 25 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Jannar 1988 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur jinsab kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tlett mija hamsa u tletin lira Maltija tmienja u sittin centezmu (Lm335.68) liema ammont jirrapresenta danni kagunati fil-karrozza tas-Sur Joseph Fountain Ford Ghia numru tar-Registrazzjoni A-8933 f'incident awtomobbilistiku li gara fit-22 ta' Settembru 1987 f'Tas-Sliema.

Illi dan l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenut li kien qieghed isuq bi traskuragni, b'nuqqas ta' hsieb, bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku, b'imprudenza.

Illi l-konvenut baqa' ma hallasx nonostante li gie interpellat b'att ufficjali.

talab lil din il-Qorti:

1. prevja, jekk hemm bzonn, id-dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident awtomobbilistiku fuq riferit;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija hamsa u tletin lira tmienja u sittin centezmi (Lm335.68) danni lilu kagunati, jew dik is-somma li tigi likwidata okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

Bl-imghaxijiet mid-19 ta' Settembru 1987 sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Settembru 1987 kontra l-konvenut li jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. In linea preliminari il-karenza tal-interess guridiku u dan ta' locus standi in judicio tal-attur, li kif jirrizulta mill-kopja tar-road accident report hawn annessa (Dok. A) mhux il-propjetarju tal-vettura danneggjata minnu misjuqa, kif ippremetta fic-citazzjoni u dikjarazzjoni tieghu.

2. Illi subordinatament u fil-mertu, il-kollizjoni de quo grat unikament htija tal-istess attur u ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-12 ta' April 1988 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Paul Lia biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fl-1 ta' Frar 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

**L-eccezzjoni preliminari**

Fis-seduta tat-12 ta' April 1988 din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba ta' l-attur ghal korrezzjoni fic-citazzjoni billi wara l-kliem "fil-karrozza" fl-ewwel paragrafu jidhlu l-kliem "tas-Sur Joseph

Fountain" minflok il-kliem "tal-mittenti" li gew kancellati. Ghalhekk m'hemmx lok li tigi kkunsidrata ulterjorment din l-eccezzjoni.

**Il-mertu**

Il-post fejn gara l-incident in kwistjoni huwa *Y-junction* bejn Triq Isouard u Lower Victoria Terrace (illum Triq Dun Karm Psaila) li jiltaqghu u jizbokkaw flimkien ghal go Triq it-Torri, tas-Sliema. Minn triq Isouard it-traffiku jinzel biss, filwaqt li fi Triq Dun Karm Psaila t-traffiku jitla' biss. Kif tajjeb osserva l-perit legali fir-relazzjoni tieghu, il-post minnu nnifsu joffri certa diffikolta` ghat-traffiku li jkun diehel u hiereg minn u ghal Triq it-Torri, diffikolta` li normalment tkun aggravata minhabba n-numru ta' karrozzi li jkun hemm ipparkjati f'dawn it-toroq, inkluz fil-kantunieri ma' Triq it-Torri.

Il-perit legali jikkonkludi li r-responsabbilta` ghall-incident kienet unikament tal-konvenut, u dan wara li jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Il-post ta' l-incident huwa *Y-junction* bejn triq Isouard u Lower Victoria Terrace (illum Dun Karm Psaila) li jiltaqghu u jibokkaw flimkien ghal go Triq it-Torri. Minn Triq Isouard it-traffiku jinzel biss, waqt li fi Triq Lower Victoria Terrace it-traffiku jitla' ghat-tela' il-fuq. Il-post minnu nfih joffri certa diffikolta ghat-traffiku li jkun diehel u hiereg minn u ghal triq it-Torri. Din id-diffikolta normalment tkun aggravata minhabba n-numru ta' karrozzi li jkun hemm ipparkjati fuq ix-xellug tat-toroq u anke fil-kantunieri ma triq it-Torri.

L-attur li ried johrog minn triq sekondarja ghal go triq traffikuza bgal ma hi Triq it-Torri u anke minhabba n-natura partikolari tal-junction apparti l-obbligu solitu li jzomm *proper look out,* kellu piz akbar li apparti li jassigura ruhu li johrog fil-blokka ma triq it-Torri b'attenzjoni u jieqaf jseplora t-toroq sew qabel johrog. Galea jghid li kien niezel fi triq Isouard fejn kien wieqaf xi erbatax-il metru 'l fuq, u x'hin wasal mal-kantuniera ma Lower Victoria Terrace, waqaf biex jesplora t-toroq. Huwa jghid li ttawwal lejn il-lemin, lejn faccata tieghu u fuq ix-xellug ukoll u beda hiereg bil-mod. L-esponent seta' jikkonstata fuq il-post tal-incident li skond kif kienu l-karrozzi fl-isketch tal-pulizija, l-attur ma kienx ghadu f'pozizzjoni tajba bizzejjed biex jesplora triq it-Torri tajjeb, partikolarment billi ried johrog lejn ix-xellug tat-triq. Ghalhekk l-attur bilfors kellu jibqa' niezel bil-mod – *feeling his way* – biex ikun jista' jara sew u johrog.

Minn naha l-ohra l-konvenut kellu responsabilita' kbira biex, barra li ma jostakolax it-traffiku li kien fuq triq it-Torri, kemm dak gej warajh kemm dak gej minn faccata tieghu, jaccerta ruhu wkoll li jidhol fil-junction bejn Lower Victoria Terrace u triq Isouard b'kawtela u li jammanuvra kemm jista' jkun b'mod li jkun f'pozizzjoni li hu jara t-traffiku li jkun niezel minn Triq Isouard, u anke biex min ikun fuq triq Isouard ikun jista' jara lilu. Grech ma kellux jidhol fi triq sekondarja fuq il-lemin tieghu qabel ikun cert li seta' jaghmel dan bla periklu kemm ghat-traffiku fuq triq it-Torri kemm ghat-traffiku li seta' jkun hemm fit-triq fejn ried jidhol.

Il-konvenut Grech jghid li kien gej minn-naha ta' San Giljan u ried idur lejn il-lemin ghal gol-blokka tal-*Y-junction* biex jitla' lejn ix-xellug f'Lower Victoria Terrace. Huwa jighid li naqqas l-ispeed wara li ceda lit-traffiku fuq triq it-Torri u dar ghall-imbokkatura fejn jikkonfluwixxu Lower Victoria Terrace u Triq Isouard. Huwa jghid li saq kemm jista' jkun lejn ix-xellug tieghu b'mod li jigi quddiem Lower Victoria Terrace. Huwa spjega li fil-kantunietra kien hemm il-karrozzi pparkjati u max-xellug tieghu kien hemm xi jarda ramel depozitat fuq il-bankina u that il-bankina u kellu jghaddi 'il barra minn dan il-munzell inqas minn pied boghod. Kien biss wara li kien ga dar u kien bi dritt fejn ried jidhol li ra l-karrozza ta' l-attur gejja lejh xi tlett piedi boghod.

Il-konvenut fl-ebda hin ma jghid li waqaf biex jesplora t-toroq. Huwa veru li mhux facli li timmanuvra bil-mod fi triq it-Torri minhabba t-traffiku li normalment ikun ghaddej fiha, imma propju minhabba dawn id-diffikoltajiet, il-konvenut kellu obbligu akbar ta' attenzjoni. Barra minn hekk ma kienx facli ghalih li jara xi traffiku jkun gej fuq Triq Isouard qabel jasal jew jaqbad l-imblokkatura. Propju ghalhekk kellu jieqaf kemm jista' jkun lejn ix-xellug hekk kif jaqbad l-imbokkatura biex jesplora t-triq lejn il-lemin tieghu qabel jipprocedi fuq ix-xellug go Lower Victoria Terrace u ma johloqx periklu ghat-traffiku li jkun gej minn Isouard street, Jekk imbaghad jilmenta li kien hemm karrozzi ipparkjati u minzell ramel li kien jostakolalu trieqtu fuq ix-xellug tieghu, allura l-obbligu tieghu semmai kien akbar u dan kellu jinducih biex jieqaf ghal kollox u ma jipprocedix qabel ikun cert li seta' jaghmel dan bla perikolu. Jekk il-karrozzi pparkjati kienu qed jostakolaw l-vista, u dawn il-karrozzi u r-ramel fit-triq kienu qed jikkostringuh isuq aktar lejn nofs it-triq milli normalment wiehed jaghmel, allura kellu jahseb ukoll li seta' johloq perikolu akbar ghat-traffiku li jkun gej fuq Isouard street u ghalhekk kellhom jiducuh f'kawtela akbar."

Il-konvenut jikkritika l-konkluzjoni peritali u jenfasizza l-fatt li hu kien diehel minn *main road* ghal go *side road* li allura kien itieh ir-*right of*

*way*, u dan b'riferenza ghall-paragrafu 82 tal-Malta Highway Code. Ighid ukoll li anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument jista' jinghad li fejn grat il-habta kienu zewg toroq ta' importanza ugwali, xorta ghandha tinghata d-dritta lit-traffiku gej mix-xellug, b'riferenza hawn ghall-paragrafu 83 tal-Malta Highway Code. Irrefera wkoll ghall-hsarat fiz-zewg karrozzi u ssuggerixxa li kien l-attur li attwalment baqa' diehel fil-konvenut. Qal li ma kienx tenut li jieqaf qabel ma jidhol fil-bazi tal-*Y-junction* u li minn fejn kien gej zgur li ma setax jara l-karrozza ta' l-attur niezla Isouard Street. Inoltre l-fatt li l-konvenut waqaf hekk vicin fejn grat id-daqqa juri li l-velocita` tieghu kienet minima. Indika li ma ghamilx manuvra ta' *cutting the corner*. Ikkonkluda li kien l-attur li ma agixxiex bil-grad ta' attenzjoni rikjesta minn dik il-lokalita` partikolari.

L-attur insista fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li l-konvenut kien obbligat jieqaf qabel ma jipprocedi ghal Lower Victoria Terrace sabiex ikun jista' jesplora Triq Isouard. Irrefera ghall-munzell ramel depozitat fuq u taht il-bankina fil-bidu ta' Triq Dun Karm Psaila li kien jirrikjedi li min ikun diehel f'dik it-triq jersaq aktar ghan-nofs. Ma qabilx ma' l-applikabilita` tar-regoli tal-Malta Highway Code kwotati mill-konvenut peress li l-konfigurazzjoni tat-triq u l-fattispecie ta' l-ambjent kienu jitfghu responsabbiltajiet partikolari fuq il-konvenut peress li galadarba l-konvenut kien dahal fis-sieq tal-*Y junction* kellu obbligu li qabel ma jkompli tiela' jesplora t-triq fuq il-lemin tieghu. Izda minflok baqa' tiela' bl-istess rankatura. Anke l-ispustament tal-karrozza ta' l-attur lejn il-lemin juri dan. L-attur waqaf u daqq il-*horn* kif ra lill-konvenut gej. Bint l-attur tikkonferma li semghet lil missierha jdoqq il-*horn* u li l-konvenut waqaf mad-daqqa. Ghalhekk l-uniku fattur li kkawza l-incident kien li l-konvenut naqas li jieqaf jew jesplora Triq Isouard qabel ma pproceda 'l fuq.

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza u s-sottomissjonijiet tal-partijiet u tal-perit legali waslet ghall-konkluzjoni li ghall-incident fil-fatt jahti l-konvenut. Bhal fil-kaz ta' *T junction*, it-*through road* f'dan il-kaz hija Triq Dun Karm Psaila u min ikun niezel minn Triq Isouard irid jieqaf biex jara li jista' jipprocedi bla hsara ghal traffiku li jkun diehel minn Triq it-Torri. It-traffiku gej minn Triq it-Torri mid-direzzjoni ta' San Giljan li jkun se jidhol ghal Triq Dun Karm Psaila jkun mistur ghat-traffiku niezel minn Triq Isouard. Ghalhekk huwa importanti li t-traffiku gej minn Triq it-Torri jehodha fit-tul biex jidhol ghal Triq Dun Karm Psaila kemm sabiex ikun jista' jigi esplorat Triq Isouard kif ukoll biex ikun jista' jigi osservat mit-traffiku niezel minn Triq Isouard. Mill-banda l-ohra dak it-traffiku niezel minn Triq Isouard irid jieqaf f'tarf Triq Isouard u jesplora sew Triq it-Torri u meta jidher li m'hemmx traffiku

diehel ghal Triq Dun Karm Psaila jipprocedi bil-mod ghall-imbokkatura u jerga' jieqaf qabe; ma johrog fi Triq it-Torri.

L-attur xehed li meta wasal mal-kantuniera ma' triq Dun Karm psaila waqaf biex jara kinux gejjin karrozi u x'hin ma ra lil hadd beda hiereg bil-mod. X'hin lehaq mexa hames piedi, lemah lill-konvenut minn bejn karrozza pparkjata fil-kantuniera u l-hajt idur bis-salt bla ma waqaf. Huwa waqaf minnufih u beda jdoqq il-*horn*. X'hin kien qisu hames metri boghod minnu rah qisu jitlef il-kontroll ghax il-karrozza bdiet tiswervja 'l hawn u 'l hinn. Baqa' gej fuqu u laqtu bil-fanal jew mudguard tal-lemin ta' quddiem fuq il-fanal ta' quddiem tal-lemin u kaxkru xi zewg piedi u nofs lejn Triq Dun Karm Psaila.

Il-konvenut xehed li pproceda ghal Triq Dun Karm Psaila bil-mod. Fil-fehma tal-Qorti d-danni rizultanti u l-pozizzjoni li spiccaw fiha z-zewg karrozzi ma jixhdux dan. L-ewwelnett kieku kien l-attur li baqa' diehel fil-konvenut, kienet tkun il-karrozza tal-konvenut li kienet tkun spustata lura jew 'l isfel mentri effettivament jirrizulta li kienet il-karrozza ta' l-attur li giet spustata 'il fuq lejn Triq Dun Karm Psaila b'l-istess rankatura li l-konvenut dahal biha minn Triq it-Torri. Id-danni fuq il-karrozza tal-konvenut (ara ritratti esebiti mill-konvenut stess Dok. NG1 sa NG9) ukoll jikkonfermaw dak li xehed l-attur li l-karrozza tieghu *"spiccat mal-bieba ta' wara tal-lemin tieghu ghax tkaxkar mal-faccata tal-karrozza tieghi wkoll"*.

Il-konvenut xehed ukoll li qabel ma gie biex jidhol go Triq Dun Karm Psaila saq kemm jista' jkun lejn ix-xellug tieghu b'mod li jigi quddiem it-triq fejn kien diehel. Mela kif ma rax lill-attur niezel minn Triq Isouard? Kif jispjega dak li qal li ra lill-attur biss meta dan kien xi tliet piedi boghod minnu?

Ghalhekk il-Qorti taqbel li kien il-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u allura ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali.

Jirrizulta li l-karrozza li kien qed isuq l-attur ma kenitx tieghu izda ta' certu Joe Fountain li kien siliflu l-karrozza. L-attur pero` xehed li ghad-danni ghamel tajjeb hu. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut sostna li fi kwalunkwe kaz m'ghandux jigi accettat li l-attur jikri karrozza minn fuq dahar il-konvenut. Il-persuna li kienet direttament sprovvista mill-karrozza kien il-proprjetarju taghha Joe Fountain li kellu dritt jippretendi li jkun hemm karrozza ohra ghad-dispozizzjoni tieghu biex

tissostitwixxi tieghu waqt li kienet qed tissewwa. Ma jistax ghalhekk jinghad li l-kiri ta' karrozza ma kienx gustifikat.

Issa fic-citazzjoni l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lm335.68 jew dik is-somma li tigi likwidata permezz ta' periti nominandi. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur jattira l-attenzjoni tal-Qorti ghall-affidavit tieghu esebit fl-1 ta' Lulju 1997 fejn spjega li kien hemm somma ta' Lm197.91 li ma kenitx maghduda fic-citazzjoni u ghalhekk il-pretensjoni tieghu kienet ghal Lm533.59. Il-Qorti pero` ma tistax tikkonsidra din is-somma superjuri ghal dak indikata fic-citazzjoni. Difatti l-ewwel premessa fic-citazzjoni tghid testwalment li *"l-attur jinsab kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tliet mija hamsa u tletin lira Maltija tmienja u sittin centezmu (Lm335.68)"*. Il-Qorti tista' tillikwida ammont inferjuri izda mhux ammont superjuri. Ghalhekk hekk tigi akkolta t-talba ghall-kundanna tal-konvenut biex ihallas l-ammont imsemmi ta' Lm335.68.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi u
(2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm335.68 ghad-danni lilu kagunati bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**